MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 747/2011

**Melita plc – C12715**

**vs**

**Matthias Douglas – ID49004-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici l-ammont ta' elf tmien mija wiehed u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,891.47c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' "data + mobile" fil-fond "Coral, Fl02", Triq it-Tumbrell, Mellieha, u dan skond l-istatement tal-kont numru 548373 liema dokument qed jigi mmarkat bhala "Dok. B".

Illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi interpellat sabiex ihallas, dan baqa' inadempjenti.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tmien mija wiehed u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,891.47c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------